Joyce Guillaumier

# Is-Sonata Barokka

Il-kelma *sonata* ġejja mil-Latin *sonare*, jiġifieri MUŻIKA LI TINDAQQ, bħal ma *cantata* , ukoll mil-Latin, tfisser MUŻIKA LI TITKANTA. Sas-Seklu 18, kienu għadhom jintużaw il-frażijiet *'si suona'* u *'si canta'* biex jiddiferixxu bejn mużika strumentali u vokali.

Id-distinzjoni bejn *Cantata-Sonata* kienu l-kliem, jew aħjar il-poeżiji, li kienu jiżdiedu mal-partitura (mużika) mingħajr ma jinfluwenzaw bl-ebda mod il-burdata jew l-andament tal-mużika, (għalkemm kien hemm eċċezzjonijiet bħas-*Sonata sopra Santa Maria* ta' Monteverdi li kellha partitura inkorporata mal-mużika u mhux miżjuda biss) Min-naħa l-oħra, il-*Canzona Sonata* kien stil vokali addattat għall-użu strumentali. Normalment, iżda, insibu li għal sekli sħaħ, il-kliem *sonata* u *cantata* kienu jirreferu għal xogħlijiet imdaqqa jew kantati. Id-Dizzjunarju tal-Muzika ta' Rousseau (1767) jgħid, "Is-Sonata hi għall-istrumenti dak li l-Cantata hi għall-vuċi"

Saż-żmien li fih għex Arcangelo Corelli (1653-1713), is-*sonata* kienet evolviet f'żewġ tipi polifoniċi jew fis-*'sonata da chiesa'* u fis-*'sonata da camera',* isimhom magħhom – sonata li tindaqq fil-knisja u l-oħra li tindaqq fil-kmamar jew swali.

Is-*sonata da chiesa,* miktuba għall-vjolini u għall-baxx, jew *continuo,* kellha tifsila stabbilita - normalment b'introduzzjoni *lenta, allegro* fi stil ta' fuga, moviment kwiet *cantabile* u *finale allegro*, miktub f'forma binarja. Din l-iskema, iżda ma kinetx definita b'mod eżatt u ċar biżżejjed sakemm ix-xogħlijiet ta' Johann Sebastian Bach (1685- 1750) u Georg Frederick Haendel (1685-1759) ipprovdew il-bażi għas-snin ta' wara, anke sas-Seklu 19, bħal ma wieħed jista' jara fix-xogħlijiet ta' Boccherini.



Is-*sonata da camera,* għall-ewwel, kienet tkun iffurmata kwazi esklussivament minn mużika taż-żfin bħal boureeċ, passacaglia, minwett u oħrajn. Iżda mal-wasla ta' Bach u Haendel kompożizzjonijiet simili bdew jinqatgħu mill-forma tas-sonata u jiżviluppaw fi *suites* jew *partitas,* jew *ordres*, skond il-Lingwa. Meta mal-movimenti kien jiżdied il-preludju, ix-xogħol kien jissejjaħ *overture*. Ghalkemm wara dan l-iżvilupp kien hemm kompożituri li bdew iħalltu s-*sonata da chiesa* mas- *sonata da camera,* Bach żamm distinzjoni netta bejn it-tnejn. Tant hu hekk li, minkejja li ma baqax juża ż-żewġ titli, is-sonati tiegħu jintgħarfu mill-ewwel, u wieħed jista' jgħid anke mit-tifsila ta' liema definizzjoni huma, jigifieri jekk humiex *sonate da chiesa* jew *sonate da camera.* Għalhekk mis-sitt sonati għall-vjolin, in-numri 1, 3 u 5 huma *sonate da chiesa,* waqt li n-numru 2,4 u 6 huma *sonate da camera* jew *partitas.* Bach kien wkoll wieħed mill-ewwel kompożituri li intenzjonalment qasam il-linja melodika bejn l-istrument solo u t-tastiera. Qablu, il-melodija kienet titħalla esklussivament għall-istrument solo.

L-isem *sonata* jingħata wkoll lil madwar 500 kompozizzjoni ta' Scarlatti(1685-1757, is-sena 1685 kienet sena eċċezzjonali għall-mużika bit-twelid ta' tliet kompozituri kbar!) Dawn huma ippubblikati bħala *Essercizzi per il gravicembalo.* Ħafna minnhom inkitbu f'moviment wieħed maqsuma f'żewġ partijiet, jiġifieri fil- *binary form,* biż-zewġ partijiet iżommu l-istess tempo u jagħmlu użu mill-istess materjal tematiku għajr għal xi differenzi żgħar fit-tempo minn sezzjoni

għal oħra. Ħafna minnhom inkitbu f'pari, b'sonata minnhom fi kjavi maġġura u l-oħra fi kjavi minuri parallela. Il-kitba tagħhom kienet tkun waħda virtwożistika, inventiva u varjata għall-aħħar.

Xogħljiet għal strument solo, bil-*continuo* jew *ripieno,* kellhom jiffurmaw il-bażi għall-*concerti* li bdew jinkitbu wara. Il-Kuncerti Brandenburg ta' Bach huma eżempji eċċellenti ta' dawn. L-istess huma it-*trio sonatas* ta' Vivaldi (1675 - 1741) li kitibhom waqt li kien qed jikkomponi l-kunċerti tiegħu.

Is-sonata giet fl-aqwa tagħha mat-tmiem tal-Barokk (circa 1770) meta fl-epoka Klassika saret tfisser ħafna iktar minn ġeneru mużikali, għax żviluppat fl-hekk imsejħa *Sonata Form.* Din kienet essenzjali biex seta' jiġi organizzat il-ħafna materjal tematiku li nsibu f'xogħlijiet kbar. Matul il-ħamsin sena jew ftit iktar li s-sonata ħadet biex minn kompożizzjoni għal strument jew tnejn tinbidel f'forma fundamentali u essenzjali għall-kitba ta' xogħlijiet imponenti u meraviljuzi (l-aħħar Brandenburgh Concerto inkiteb fl-1771), il-mużika baqgħet tiżviluppa mhux biss fuq il-livell filosofiku u tematiku, imma anke bl-introduzjoni u l-izvilupp ta' l-istrumenti.

Wieħed ma jistax ma jammettix li s-sonata, sew jekk *da chiesa* jew *da camera,* kellha effett enormi fuq il-mixja tal-mużika fil-Punent, forsi ħafna iktar minn dak li pprevedew l-ewwel esponenti tagħha!


**LAAK AMUSEMENT**

Tel: 2169 2126
Mob: 7944 8056